**Ruling mogħti mill-President tal-Kamra l-Onor. Myriam Spiteri Debono fis-Seduta 218 tat-22 ta' Mejju 1998 dwar jekk il-ħin li jittieħed meta jkun hemm sejħa għall-kworum ma jitnaqqasx mill 40 minuta li l-Membru li jkun in possession ikun intitolat għalihom.**

**MADAM SPEAKER:** Fuq il-*point of order* imqajjem mill-Onor. Ċensu Galea s-Sedja kkonsidrat:

1. Il-prassi sal-lum imxiet fuq il-premessa illi kieku l-i*Standing Orders* kienu maħsuba biex jagħmlu *allowance* għal żieda tal-ħin meħud għal *quorum*, dan kien ikun speċifikat bħalma hu speċifikat fil-każ ta' *division* fl-Ordni Permanenti Nru 84.

2. L-Ordni Permanenti Nru. 49 jgħid illi ebda Membru m'għandu jitkellem għal iżjed minn 40 minuta f'ħin wieħed u għalhekk *prima facie* dan jista' jagħti lok għall-interpretazzjoni illi Membru li jkun imsejjaħ biex jitkellem irid litteralment jitħalla jitkellem għal 40 minuta, skond l-istess Ordni Permanenti.

3. Jekk wieħed iħares lejn l-Ordni Permanenti Nru. 11, li jirregola l-*quorum,* u jikkonsidra illi kemm-il darba dan ma jseħħx f'intervall ta' ħames minuti l-Kamra għandha tiġi aġġornata bla votazzjoni sal-ġurnata tas-seduta ta' wara, joħroġ illi l-ħames minuti sospensjoni tal-*quorum* huma parti mill-ħin normalment allokat għas-seduta, għax jagħtu ċans li jinġabar in-numru ta' membri neċessarju sabiex is-seduta tkun tista' tkompli, u huwa biss kemm-il darba ma jinġabarx illi s-seduta tieqaf. Għaldaqstant anke fil-konfront tal-Membru li jkun *in possession* il-ħin ikun għaddej.

4. Is-Sedja tapprezza l-punt imressaq mill-Onor Gonzi illi l-interpretazzjoni kif qed tiġi mogħtija mis-Sedja fil-paragrafu preċedenti tista' tagħti lok għal abbuż fil-konfront tad-dritt ta' kull Membru li jitkellem. Iżda s-Sedja jidhrilha li l-privileġġ tal-liberta' tal-kelma fil-Parlament m'huwiex biss privileġġ ta' kull Membru individwali iżda huwa wkoll privileġġ tal-Kamra kollettivament, u s-Sedja tikkondividi dak li hemm espress f'Erskine May, paġna 84, fejn dwar il-privileġġ tal-liberta' tal-kelma jingħad:

> "*It becomes the duty of each Member to refrain from any course of action prejudicial to the privilege which he enjoys*".

L-Onor Membri kollha jafu x'inhu rikjest minnhom u kif għandhom jirregolaw ruħhom jekk iridu li sejħiet għal *quorum* ma jkunx hemm bżonnhom.